

# Dun Fortunato Asciak

Silta' mill-autobiografija meħuda mill-ktieb tiegħu



***Dun Fortunato Asciak. Ommu u Missieru Pawlu u Maria Asciak iben fost 8 aħwa twieled fid-19 ta' Novembru 1925 iż-Żebbuġ Għawdex. Kien ilu 50 sena qassis, 40 sena minnhom Rettur tal-Knisja tal-Kunċizzjoni, Triq San Ġorġ San Ġiljan. Miet fit-8 ta' Ottubru 2006. Il-Banda San Ġiljan flimkien mal-Banda Spinola ħadet sehem b'marċi funebri fil-korteo li tmexxa miż-żewġ baned mill-Knisja tal-Kunċizzjoni sal-Knisja Parrokkjali fil-funeral tiegħu li sar l-Erbgħa 11 ta' Ottubru fis-1.30 ta' wara nofs inhar.***

### ĦIDMA F'DAWN L-AĦĦAR SNIN

Peress li l-aħħar amministrattur, Mons. Pantallaresco, kellu ħafna nkarigi f'idejh ġewwa s-Seminarju x'jieħu ħsieb, kien ħalla f'idejn Dun Kalċidon Catania li miskin ma tantx kien jiflaħ. Dan is-saċerdot li fi xjuħitu refa' mix-xogħol iebes li kellu fl-Amerika, ġie jistrieħ ftit f'art twelidu. Dam iqaddes għal xi snin mhux ħażin f'din il-knisja, iżda kien iqaddes biss. Fl-1957, marad sewwa. morna nżuruh flimkien ma' l-Arċisqof Gonzi, kien wasal fl-aħħar, u niftakar li kif ħriġna minn ħdejh, l-Arċisqof dar fuqi u qalli: "Dun Fortunat, issa ser inħalli f'idejk; ħu ħsiebha inti l-knisja tal-Kunċizzjoni; Dun Kalċ ma baqagħlux ħajja.: Hekk ġara u jien aċċettajt bil-ferħ għax din il-knisja tal-Madonna kont inħobbha wisq, minn ċkuniti; kelli ġibda qawwija lejha.

Meta kont tifel kont ngħin l-ewwel lil Ġanni s-sagristan, u mbagħad lill-qassis, mill-1937. Issa bl-għajnuna t'Alla bħala saċerdot dħalt għall-kura tal-knisja b'ruħi u b'ġismi, u b'ħeġġa li nħossha biż-żmien dejjem tikber fija. Dun Kalċidon miet fis-19 ta' Ġunju 1957. Maż-żmien bdejt insib l-għajnuna min-nies. B'mod partikulari ħadmu u ħadu ħsieb, l-imseħbin ta' l-Azzjoni Kattolika kif għadhom jagħmlu sal-lum. Bdiet ħidma biex wieħed idur dawra mal-bini, kif isir f'kull dar, u li ma nafx għaliex f'din il-knisja xogħlijiet meħtieġa kienu għadhom ma sarux tul ħafna snin.

Jiena kellu nidħol għalihom u għamilthom. Iċ-ċangatura tal-kmamar saret madum; is-siġġijiet tas-soda kienu tant immermra li n-nies ta' sikwiet kienu jsibu ruħhom fl-art; tisthi tgħid. Dħalna għal spiża u xtrajna *tubular chairs* u ħadna biċċa xogħol sewwa biex irranġajniehom, barra li żbajniehom sew: hekk spiċċa l-periklu li ssib ruħek fl-art!

Xi ftit snin ilu bdejna naraw li xi ħadd kien qed jieħu ħsieb jirranġa l-fjuri u l-altar. Ġietni x-xewqa li nsir naf min kien qed jieħu ħsieb. Sirt naf min kien: din il-persuna kellha tkun il-bidu ta' grupp nisa ħabrieka li kellhom jiffurmaw ruħhom fil-*Helpers* tal-Kunċizzjoni. Dawn dejjem iżommu l-knisja nadifa u attraenti. Bihom u b'rappreżentant ta' l-Azzjoni Kattolika, irnexxieli nifforma l- "Kumitat Ħidma Kunċissjoni" li mingħajru kien ikun diffiċli norganizza l-attivitajiet b'tifkira ta' egħluq it-300 sena tal-knisja u ħidmiet oħra.

Dan il-kumitat jaħdem id f'id miegħi, mhux biss dwar dak li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni tal-knisja u xi akkwisti ġodda, iżda wkoll fl-organizzazzjoni ta' xi lejla soċjali biex inżommu l-fjamma ta' l-għaqda u l-imħabba dejjem tixgħel. Dak li ħa l-ħajja bl-għajnuna t'Alla u ta' Marija ma jmutx: din tabilħaqq li neħtiġuha, għax ix-xitan malajr jara x'jaqla u dan isib b'min jinqeda wkoll. Ħidma bħal din għas-sebħ t'Alla u għall-qima lejn Marija Ommna, huma ta' ġieħ għal min jieħu sehem fihom.

Il-Konċilju ried li l-qassis ma jqaddisx dahru lejn in-nies u l-altar kellu jsir mejda. Qlajna l-qadim u qegħidnieh fis-sagristija; floku waqqafna altar ta' l-irħam "Rosso Sant Agata" bil-mejda sserraħ fuq saqajn li jiffurmaw 'Marija Verġni'. Altar ġdid kien jixraqlu presbiterju ġdid, u hekk sar. Is-Sagrament ġie mqiegħed f'post xieraq fuq il-ġenb ta' l-altar. Il-ħitan minn ġewwa, tibjid u tikħil, bis-saqaf b'kollox, kienu tassew f'qagħda tal-biki.

Is-sistema ta' l-elettriku kien qadim u f'xi nħawi mmermer; għalhekk kellha ssir installazzjoni ta' l-elettriku ġdid. Il-madum immermer qlajnieh u ksejna l-art bil-marmettone. Nefqa kbira, iżda l-Providenza akbar għax il-qlub ġenerużi ma naqsux u dawn urew imħabbithom. L-elettriku ta' barra u l-flood-light saru fuq arloġġi awtomatiċi. Spiża oħra biex dorna dawra mal-bejt bil-qatran u fuqu tajna kisja ta' aluminium apposta, għax għalkemm il-bejt qatt ma ħabbatna għax qatt ma qattar, madankollu kien aħjar li tinqata dik l-umdità li tħalli warajha x-xita.

Għamilna s-sedja ta' wara l-altar u l-Ambone: it-tnejn sempliċi pero' attraenti fid-disinn. Il-bibien kienu nħaqru ħafna biż-żmien. Alla jaf kemm raw xemx u xita; bla żebgħa l-injam sar qoxqox; kellhom bżonn dawra sewwa u ħaduha tassew; l-injam ġie mxebba' tajjeb biż-żejt u hekk serraħt rasi li reġa' ħa saħħtu. Il-gallarija tal-knisja ħadet wiċċ ieħor u ġiet taqbel ma' l-ambjent kollu tal-knisja. Problema waħda li s'issa għadni ma sibtx tarha hi l-ġebla mielħa għall-aħħar, li hemm fis-sagristija u s-saqaf tal-knisja; il-ġebla tobżoq tibjid u żebgħa kull darba li ttiha.